**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Ottubru, 2016

Rikors Kongunt Nru : 374/16 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konguntiv illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet rikorrenti izzewgu nhar l-ewwel (1) ta' Gunju, tas-sena elf disa mija u disgha u disghin (1999) fir-Registru taz-Zwieg, Il-Belt Valletta, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, lkoll minuri ahwa Mangion.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju, tas-sena elfejn u tnax (2012), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Patricia Vella

Haber, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u tnax (2012), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment x'jithallas mil-partijiet ghal xulxin stante dekadenza reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt, Dok A, klawsola numru tnejn (4).

Illi in oltre jinghad li l-ulied imsemmija ghadhom sa' llum lkoll minuri, u li ghadhom lkoll jircievu manteniment b'mod regolari ghall-ahhar minghand il-missier rikorrent, liema manteniment huwa stabbilit fi klawsola numru sitta (6) tal-att ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala Dok A.

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Awwissu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-26 ta' Gunju 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.